**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 14**
**Rikors numru: 583/2021/1 ISB**

**Patrick Spiteri**
***v.***
**Avukat tal-Istat u Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2023 li ċaħdet talba tiegħu biex ma jitkomplewx proċeduri kontra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għax igħid li dawk il-proċeduri huma bi ksur tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI) ["id-Deċiżjoni Kwadru"] kif implimentata fl-art. 25 tal-Att dwar l-Estradizzjoni ["Kap. 276"] u fl-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni ["L.S. 276.05"].

2. Dan l-appell huwa identiku għal appell ieħor mill-istess sentenza mressaq mill-attur quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li ġie deċiż illum.

3. Għar-raġuni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'para. 29[1] tas-sentenza, il-qorti kompetenti biex tisma' u taqta' dan l-appell hija l-Qorti Kostituzzjonali u mhux din il-qorti.

4. Il-qorti għalhekk, billi ma għandhiex kompetenza tisma' dan l-appell, ma tqisux aktar.

5. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom l-attur billi kien hu li ressaq dan l-appell inutilment quddiem din il-qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

[1] »29. Il-Qorti tal-Appell għandha kompetenza li tisma' appelli minn sentenzi dwar drittijiet fundamentali fil-każ biss imsemmi fl-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, *viz.* meta f'kawża mibdija b'rikors maħluf "ikunu ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem". Għalkemm din hija kawża mibdija b'rikors maħluf sewwa jgħid l-attur fl-ewwel aggravju tiegħu illi din id-disposizzjoni ma tolqotx il-każ tallum iżda tolqot każijiet fejn il-kwistjoni dwar drittijiet fundamentali tqum inċidentalment waqt is-smigħ ta' kawża li ma tkunx mill-bidunett imsejsa fuq allegazzjoni ta' ksur ta' dawk id-drittijiet (*arg. a contrario sensu ex* art 46(3), Kost.). Fil-każ tallum il-kawża kienet sa mill-bidunett imsejsa wkoll fuq disposizzjonijiet ta' drittijiet fundamentali.«